MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 810/2005

**Fiorini`s Trading Co Ltd (C19521)**

**vs**

**Paul Cutajar esercitanti l-kummerc taht l-isem Blossoms Pharmacy**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici ppremettiet illi:

Is-socjeta` attrici kienet tissupplixxi, tbiegh u tikkunsenja lill-ispizzerija *'Blossoms Pharmacy'* diversi merci u prodotti farmaceutici; il-kontijiet relattivi ta` liema huma hawn annessi bhala dokumenti *'A'* u *'B'*;

Kif jidher mill-istess kontijiet, il-konvenut naqas li jhallas l-ammont kollu dovut fuq l-istess provizzjoni ta` prodotti farmaceutici u ghad hemm bilanc globali dovut ta` ghaxar t`elef hames mija u hamsin lira maltija u tminja u sebghin centesmu (Lm10550.78);

Dan id-dejn hu wiehed kummercjali;

Ghalkemm interpellat diversi drabi, il-konvenut baqa` inadempjenti;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

a. Prevvja kull dikjarazzjoni ohra opportuna, tiddikjara l-konvenut debitur ghal bilanc dovut fuq il-kontijiet u cioe` ghall-ammont globali ta` ghaxar t`elef hames mija u hamsin lira maltija u tminja u sebghin centesmu (Lm10550.78), jew somma ohra verjuri, flimkien ma` l-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv;

b. Tordna u tikkundanna l-istess konvenut ihallas il-bilanc dovut fi zmien qasir u perentorju u tigi prefissa minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-istess konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta` eccezzjonijiet u hekk baqa` kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta` attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------